**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Dicembru, 2016**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 1195/2010**

**Lawrence Gauci u martu Maria Dolores Gauci u**
**b'digriet tas-17 ta' Novembru 2015**
**l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem**
**Josette Muscat, Mariella Gauci u Carmelino Gauci u**
**dana wara l-mewt tal-attrici Maria Dolores Gauci**

**vs**

**Id-Direttur Generali tal-Artijiet**
**(Dipartiment Proprjeta tal-Gvern) u**
**b'digret tal-31 ta' Jannar 2011**
**gie kjamat in kawza l-Kummissarju tal-Artijiet u**
**b'digriet tal-14 ta' Gunju 2011**
**gie estromess il-Kummissarju tal-Artijiet u**
**gie kjamat in kawza l-Ufficju Kongunt u**
**b'digriet tat-18 ta' Gunju 2013**
**gie kjamat in kawza Joseph Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-18 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-istanti huma d-detenturi ta' zewg ghelieqi imlaqqma "Tal-Blat" fil-Wardija, ahjar indikati fl-annessa pjanta delinejati bl-ahmar (Dok. A);

2. Illi l-istanti ilhom fl-okkupazzjoni effettiva ta' dawn iz-zewg ghelieqi, proprjeta tal-Gvern, ta' Malta, ghal aktar minn ghoxrin sena u dan wara li l-ahwa Micallef, titolari tal-qbiela, waqqfu jahdmu dawn l-ghelieqi;

3. Illi fit-termini tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta l-istanti Lawrence Gauci applika taht l-iskema ghall-Art Agrikola (Applikazzjoni Nru. 4871) biex huwa jigi rikonoxxut bhala l-gabbillott u t-titolari bi qbiela tal-ghelieqi in kwistjoni (Dok. B);

4. Illi l-intimat ma laqghax din it-talba tal-istanti fl-intier taghha u dan peress li huwa qieghed isostni illi gjaladarba hemm terzi li qeghdin jivvantaw pretensjonijiet ta' detenzjoni fuq partijiet tal-istess ghelieqi, huwa ma jistax jirrikonoxxi lill-istanti bil-mod legalment pretiz rnill-istess istanti u, konsegwentement, ser johrog sejha ghall-offerti skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern;

5. Illi din id-decizjoni tal-intimat hi wahda ghal kollox irragjonevoli u ingusta peress illi l-uniku detentur bona fide taz-zewg ghelieqi huwa biss l-istanti li, kif fuq inghad, ilu jikkultiva u jaghmel benefikati fl-istess ghelieqi ghal diversi snin;

6. Illi jekk l-intimat b'ostinazzjoni jithalla jipprosegwi bl-intendiment tieghu u jsegwi dik il-parti tad-decizjoni moghtija minnu fit-18 ta' Mejju, 2010 li johrog sejha ghall-offerti dan ser johloq pregudizzju serju lill-istanti billi huma ma humiex finanzjarjament f'qaghda li jikkompetu mat-terzi pretendenti, u barra minn dan l-uniku introjtu taghhom huwa mix-xoghol tar-raba' (Dok. C);

7. Illi huma ressqu ilment formali kontra din id-decizjoni quddiem l-Ombudsman, kopja ta' liema ilment, flimkien mad-dokumenti relattivi qieghed jigi hawn anness u immarkat bhala Dok. D izda sal-lum ghad ma ghandhomx risposta definittiva stante li huwa ghadu qed jinvestiga dan il-kaz;

8. Illi minkejja dan kollu, u minkejja diversi laqghat u ittri l-intimat ghadu jwebbes rasu u jippersisti f'din id-decizjoni zbaljata tieghu.

9. Illi ghalhekk, l-istanti kellhom jifthu din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-istess intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuna, ghaliex, ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-istanti huma l-unici bona fide detenturi taz-zewg ghelieqi denominati "Tal-Blat", Triq Wardija, San Pawl il-Bahar u konsegwentement ghandhom ikunu rikonoxxuti mill-intimat fit-titolu tal-qbiela taghhom skond l-Iskema ghal Art Agrikola (Applikazzjoni Nru. 4871) ghal liema huma resqu l-applikazzjoni taghhom u dan fit-termini tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra lilhom spettanti skond il-ligi u bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali tal-Artijiet li tghid hekk:

1. Illi in via preliminari jigi eccepit illi l-esponent Direttur Generali fit-Taqsima Proprjeta tal-Gvern m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza kemm a tenur tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 169 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan in vista tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Illi l-Gvern ta' Malta sar proprjetarju tal-artijiet in kwistjoni - Ii parti minnhom hija agrikola u parti hija xaghri - bis-sahha tal-ftehim li kien sar mas-Santa Sede nhar it-28 ta' Novembru 1991 u l-Att IV tal-1992. Meta l-artijiet in kwistjoni gew hekk trasferiti, dawn ghaddew f'idejn il-Gvern mehlusa minn kull kirja jew piz iehor;

(ii) Illi kull proprjeta tal-Gvern jew proprjeta Ii tkun amministrata minnu tista' tigi trasferita biss skont wiehed mill-manjieri Ii hemm specifikati fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iii) Illi fis-sena 2001, il-Ministeru tal-Intern (li dak iz-zmien it-Taqsima Proprjeta tal-Gvern kienet tifforma parti minnu), kien hareg skema sabiex jaghti l-opportunita lil dawk il-persuni li kienu qeghdin jahdmu art agrikola appartenenti lill-Gvern minghajr ma kellhom titolu validu rikonoxxut sabiex jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom, u b'hekk jinghataw titolu validu fuqha;

(iv) Illi fil-fatt ir-rikorrent Lawrence Gauci kien wiehed fost hafna persuni li kienu applikaw sabiex jigu rikonoxxuti bhala gabillott taht din l-iskema;

(v) Illi fl-applikazzjoni tieghu Ii kienet iggib in-numru 4871 ir-rikorrenti kien talab Ii jigi rikonoxxut bhala gabillott kemm tal-parti tal-art Ii kienet agrikola - (li fuq il-pjanta hawn annessa hi indikata bhala porzjon A), u f'data sussegwenti talab li jigi rikonoxxut bhala gabillott fuq il-parti tal-art li kienet xaghri - (fuq il-pjanta hawn annessa din il-porzjon hi mmarkata bhala porzjon E). F'dan il-kuntest tajjeb li jigi spjegat li l-art immarkata bhala porzjon E qatt ma kienet meqjusa bhala art agrikola ghaliex meta din giet f'idejn il-Gvern minghand il-Kurja din kienet meqjusa bhala raba' xaghri. Pero kif jinzel mill-ittra ffirmata mill-Perit Ludovico Micallef ghan-nom tar-rikorrenti, gie maghruf li l-istess rikorrenti kien ikkapparra din il-porzjon art xaghri u tefa' fuqha hamrija biex jikkonvertiha f'art agrikola. Ghall-esponenti din l-imgieba abbuziva da parti tar-rikorrenti ma kellhiex issarraf f'kambjament tal-kategorija tal-art minn wahda xaghri ghal wahda agrikola. Kwindi la din il-porzjoni hekk imsejha porzjon E baqghet xorta wahda kkunsidrata bhala art xaghri, allura din ma kinitx tirrijentra fl-iskema ta' art agrikola fuq imsemmija u ergo ma setghetx tinghata lir-rikorrenti;

(vi) Illi kien proprju ghalhekk li t-Taqsima Proprjeta tal-Gvern kienet hadet id-decizjoni ahharija li fir-rigward ta' din l-art immarkata bhala porzjon E tat-tip xaghri kellha tinhareg sejha pubblika ghall-offerti skont kif hemm specifikat fl-artikolu 3(1)(a) tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jkun hemm distribuzzjoni gusta ta' din il-medda ta' art;

(vii) Illi min-naha l-ohra dwar il-porzjon art immarkat bl-ittra A ossia dik agrikola, waqt li kienet qed tigi pprocessata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, instab li din kienet qed tirkeb fuq l-applikazzjoni bin-numru 7413 li kienet iddahhlet minn certu Joseph Galea. Minn verifiki ulterjuri li kienu saru hareg li huma t-tnejn applikaw ghal titolu fuqha, pero rrizulta li Joseph Galea kien ilu fil-pussess tar-raba' minn qabel ir-rikorrent u ghalhekk gie deciz li ghandhom jinbdew il-proceduri formali necessarji

kollha sabiex dik il-porzjoni tal-art agrikola li kienet okkupata minn Joseph Galea tigi mqabbla lilu;

(viii) Illi wara dan kollu l-esponenti kien baghat ghar-rikorrent sabiex dan jersaq ghall-kuntratt tal-qbiela fuq il-porzjon art li kien baqa' u cioe wara li jigu eskluzi dik il-bicca li kienet xaghri u kif ukoll dik il-parti tal-art li kienet giet stabbilita li kellha tghaddi ghand Joseph Galea, izda r-rikorrent m'accettax;

(ix) Ghaldaqstant minn dan kollu jinzel car li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti in kwantu diretti lejn il-bicca art xaghri u l-art okkupata minn Joseph Galea m'humiex gustifikati u ghandhom jigu rigettati;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Ufficju Kongunt li tghid hekk:

Illi in vista tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Gunju 2011, l-esponent jirrileva li hu qieghed jaderixxi ruhu ghar-risposta tad-Direttur Generali tal-Artijiet, bl-eccezzjoni tal-eccezzjoni preliminari mressqa f'dik ir-risposta.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat Joseph Galea li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jrid jipprova x'interess guridiku ghandu sabiex jipproponi l-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, talba dikjaratorja ma hijiex ammissibli ghaliex id-domanda ghal dik id-dikjarazzjoni ma tistax tkun pre-ordinata ghal kawza ohra principali. Dan anke ghaliex il-Gvern ghandu id-dritt di rigore li jirrikonoxxi bhala titolari fil-kirja lil minn jrid hu;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, jrid jinghad illi l-attur halla l-fuq minn sena tiddekorri biex jipproponi l-azzjoni tieghu, u ma interpona l-ebda att gudizzjarju sabiex jwaqqaf id-decizjoni tal-konvenut l-iehor, id-Direttur Generali tal-Artijiet, milli jirrikonoxxi lill-eccipjenti u dan nonostante li r-rikorrenti kien gie debitament notifikat b'ittra datata 3 ta' Gunju, 2009, prezentata in atti a fol. 64;

4. Illi fil-mertu l-azzjoni tar-rikkorenti hija infondata fill-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta mill-provi u t-trattazjoni tal-kawza;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza hija dwar sejha ghall-offerti ghall-kiri ta' art tal-Gvern ai termini tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta. L-atturi jikkontendu li ilhom jokkupaw u jahdmu in buona fede, zewg ghelieqi (hekk kif jirrizultaw delinjati bl-ahmar fuq il-pjanta esebita a fol. 5 tal-process), proprjeta tal-Gvern ghal aktar minn ghoxrin sena u dan wara li erba' xebbiet, l-ahwa Micallef, titolari tal-qbiela waqfu jahdmu dawn l-ghelieqi. Wara li harget skema ghall-art agrikola, ai termini tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur Lawrence Gauci applika sabiex jigi rikonoxxut bhala l-bidwi u t-titolari bi qbiela tal-ghelieqi in kwistjoni. L-applikazzjoni tieghu li saret fit-23 ta' Frar, 2001, iggib referenza numru 4871 (esebita mill-atturi bhala Dok. C a fol. 161 tal-process). L-atturi jilmentaw illi d-Dipartiment tal-Proprjeta tal-Gvern ma laqax l-applikazzjoni taghhom peress li rrizulta li kien hemm terzi li wkoll tefghu applikazzjoni taghhom u li kellhom pretensjoni ta' detenzjoni fuq xi partijiet tal-istess ghelieqi. Jikkontendu li d-decizjoni tad-Dipartiment konvenut li tohrog sejha ghall-offerti hija ghal kollox irragonevoli u ingusta fil-konfront tal-istess atturi u li l-agir tad-Dipartiment konvenut, jekk jipprosegwi, ser johloq pregudizzju lill-istess atturi, peress li l-uniku entrojtu tar-rikorrenti huwa mir-raba' u jinghad minnhom ukoll, li mhumiex f'qaghda finanzjarja li jikkompetu mat-terzi. Ghalhekk qeghdin jitolbu li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma l-unici bona fide detenturi taz-zewg ghelieqi denominati ”Tal-Blat”, Triq il-Wardija, San Pawl il-Bahar, u ghandhom ikunu rikonoxxuti mill-intimat bit-titolu ta' qbiela skond l-Iskema ghal Art Agrikola hekk kif applikaw ghaliha, ai termini tal-ligi.

Mill-provi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li l-attur huwa bidwi li jahdem numru ta' ghelieqi (madwar sittin tomna) fosthom dawk imsejha ”tal-Blat”, limiti ta' San Pawl il-Bahar. Ma jirrizulta ebda kontestazzjoni rigward l-ghalqa z-zghira ndikata fuq il-pjanta a fol. 5 tal-process[1], li fuqha jirrizulta li l-attur Lawrence Gauci ghamel applikazzjoni separata li ggib in-numru 4870 (esebita rnill-attur bhala Dok. B a fol.152 tal-process). Din l-ghalqa hija tal-kejl ta' 3150 metru kwadru, li 450 metru

[1] Ara verbal a fol. 416 u 417 tal-process fejn saret dikjarazzjoni mid-difensur tal-konvenut li l-applikazzjoni 4870 (fol. 157 sa 160) dwar l-art tal-kejl ta' 3150 m² mhix mertu tal-kaz quddiem il-Qorti, izda hija l-applikazzjoni 4871 (fol. 161 sa 162) li hija dwar l-art in kontestazzjoni f'din il-kawza.

kwadru minnhom kienu raba’ xaghri (ara dikjarazzjoni tal-perit a fol. 158, kif ukoll, il-pjanta a fol. 159 tal-process).

Il-punt ta’ kontestazzjoni huwa l-estent tal-ghalqa kbira detenuta mill-atturi. L-atturi jikkontendu li ilhom jahdmu dawn l-ghelieqi sa mill-ahhar tas-snin tmenin. Huma jressqu numru ta’ xhieda permezz t’affidavit bhal Victor Gauci u Adam Mark Deguara li jixhdu li ilhom jafu lill-attur ghal madwar tletin sena u li dejjem jafuh jahdem ir-raba’ msejha ”tal-Blat”. Jigi rilevat li dawn ix-xhieda ghalkemm it-tnejn jixhdu li kienu ilhom snin twal jafu lill-attur jahdem ir-raba’ f’Tal-Blat, meta kienu jitilghu ghall-insib jew kacca, izda qatt ma giet identifikata minnhom l-ghalqa ezatta fejn kienu jaraw lill-attur jahdem (anke l-ghalqa z-zghira fost ghelieqi ohra tissejjah Tal-Blat). Xehdu wkoll Dolores u Maria ahwa Micallef li jispjegaw li huma kienu jahdmu zewg ghelieqi gewwa l-Wardija msejha ”tal-Blat”, kif ukoll ghalqa ohra vicin taghhom, li kienu jinhadmu minnhom sa minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija, li fihom kienu jikkoltivaw prodotti tal-bhejjem, izda wara certu zmien kien ghall-ewwel beda jghinhom l-attur fix-xoghol f’dawn l-ghelieqi u meta dawn ghejjew, hallew kollox f’idejh.

Gew imsejha bhala xhieda wkoll kemm rapprezentant tal-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar li esebixxa l-permess datat 16 ta’ April, 2005, li kellu l-attur sabiex jitfa’ l-hamrija fuq il-hamrija (u mhux fuq ix-xaghri) (kif jirrizulta mill-pjanta esebita a fol. 103 tal-process) u dan wara li l-attur applika ghalih fl-10 ta’ Marzu, 2004, kif ukoll rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Agrikoltura li jixhdu li l-attur kellu l-permess mahrug fid-19 ta’ April 2001 sabiex tigi trasportata l-hamrija mis-Salina u li tigi depozitata l-Wardija skond il-pjanta annessa (ara dokumenti a fol. 144 u 145 tal-process). Tajjeb li jigi puntwalizzat li dawn iz-zewg permessi ma kenux jezentaw lill-attur milli jgib kull permess iehor li seta’ kien mehtieg skond il-ligi jew minn Dipartimenti ohra tal-Gvern, jew agenziji skont il-kaz, fosthom id-Dipartiment konvenut. Ix-xhud Fiona Grech bhala ufficjal tal-agrikoltura, tispjega li r-rapprezentanti tad-Dipartiment imorru fuq is-sit u jinnutaw fejn ghandu jsir id-depozitu tal-hamrija. Dahlilhom rapport anonimu li kienet qeghda tintefa l-hamrija fuq ix-xaghri, izda ma rrizultalhomx li kien hemm problemi f’dak li ghamel l-attur u fejn kien hemm bzonn, irrimedja. L-istess xhud tispjega li bhala Dipartiment ma jiddeterminawx min effettivament kellu pussess tal-art ghall-fini tal-hrug tal-permess

taghhom, kif ukoll li dak iz-zmien, ma kienx mehtieg li jkun sid jew li jkun qieghed jahdimha hu l-art in kwistjoni, tant li kien il-kuntrattur li applika f'isem l-attur, izda tishaq li fix-xaghri ma kienx permess li tintefa' l-hamrija.

Il-konvenuti ressqu bhala xhud ewlieni taghhom lill-Martin Bajjada li spjega l-iskema sabiex tinghata qbiela fuq art agrikola tal-Gvern, kienet inharget mill-Gvern sabiex in-nies setghu japplikaw fuq proprjetà tal-Gvern, kemm dawk li kellhom kirja regolari, kif ukoll dawk li ma kellhomx kirja. Huwa jispjega li l-art in kwistjoni tifforma parti mill-art mghoddija lill-Gvern mis-Santa Sede, bil-ftehim tas-sena 1991, u ghalhekk kienet amministrata mill-Ufficcju Kongunt, izda fl-ahhar isir il-ftehim tal-qbiela mal-Kummissarju tal-Art, liema entitajiet kienu jaqghu taht id-Dipartiment konvenut. L-iskema kienet inharget u kellha bhala data ta' gheluq, il-31 ta' Jannar, 2001 (ara kopja esebita bhala Dok. MB1 a fol. 357 tal-process), li permezz taghha ngabru applikazzjonijiet minn dawk li jahsbu li kellhom dritt ta' qbiela fuq l-art, liema skema giet estiza u nghalqet fit-28 ta' Frar, 2001. Setgha japplika ghaliha kulhadd u dan sabiex jigu regolarizzati wkoll dawk il-kazijiet li seta' kien hemm ta' okkupazzjoni minghajr titolu validu. Dan jinsab konfermat ukoll fl-affidavit tal-Avukat tad-Dipartiment, Dr. Josianne Azzopardi. Hija tispjega li l-iskema kienet inharget limitatament ghal art agrikola a bazi tal-artikolu 6(d) tal-Policy dwar it-Trasferiment ta' Art tal-Gvern (ara l-Iskeda li tifforma parti mill-istess Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta). L-istess skema ma kenitx tinkludi art xaghri anke peress li l-istess policy ma tipprovdix ghal art xaghri. Dan ifisser li art xaghri tista' tigi trasferita biss mill-Kummissarju tal-Artijiet hekk kif jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri jew permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti, b'irkant jew b'rizoluzzjoni Parlamentari.

Laurence Gauci dahhal l-applikazzjoni tieghu (kopja shiha esebita a fol. 374 et seq. tal-process) fit-23 ta' Frar, 2001, li maghha kien hemm pjanta annessa. Huwa meqjus rilevanti li din l-ewwel pjanta tindika fiha l-kejl tal-art li fuqha saret l-applikazzjoni li ggib referenza numru 4871, li fiha l-kejl ta' 5760 metru kwadru, li 900 metru kwadru minnhom kienu deskritti bhala xaghri. Mal-istess applikazzjoni l-atturi ghamlu dikjarazzjoni (datata 22 ta' Jannar, 2001) li huma bdew jahdmu l-art tal-kejl ta' 5760 metru kwadru wara li l-ahwa Micallef ma xtaqux jahdmuha aktar u ghalhekk

bil-kunsens taghhom naddaf u harat l-ghalqa u beda jkabbar il-haxix fiha. Giet annessa wkoll dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Nicolette Vella (ara fol. 380 u 381 tal-process), fejn jinghad li l-attur Lawrence Gauci kien ilu aktar minn sentejn jghin fix-xoghol tar-raba' tal-ahwa Micallef u dan kif kienet titlob id-dikjarazzjoni inkorporata fl-istess applikazzjoni. In ottempranza mas-sejha kien hemm ukoll anness Certifikat mahrug mid-Dipartiment tal-Agrikoltura (esebit a fol. 382 tal-process).

Fuq din l-applikazzjoni tal-attur, dahlu zewg oggezzjonijiet, dik tal-avukat Patrick Spiteri (esebita a fol. 372 tal-process), kif ukoll dik tal-kjamat in kawza Joseph Galea (esebita a fol. 371 tal-process), li ddikjara li l-art li applikaw ghaliha l-atturi tirkeb fuq l-art li kien applika ghaliha hu wkoll. Inoltre f'korrispondenza li kien baghat l-avukat John Attard Montalto, ghan-nom tal-istess Joseph Galea, jirrizulta li fil-21 ta' Frar, 2001 (ara fol. 389 tal-process), informa lid-Dipartiment li xi hadd kien harat l-ghalqa in kwistjoni, filwaqt li f'dik tal-20 ta' Frar, 2002, jidentifika din il-persuna bhala Lawrence Gauci, li kien qieghed ukoll jiddeposita materjal fl-ghalqa. Din il-korrispondenza hija meqjusa rilevanti ferm ghall-fini ta' determinazzjoni tas-sekwenza tal-fatti li effettivament sehhew.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-ufficjal tad-Dipartiment konvenut, li l-perit tal-atturi madwar sitt snin wara l-applikazzjoni originali, baghat ittra (datata 10 ta' Ottubru, 2007 esebita a fol. 361 tal-process) lid-Dipartiment sabiex jinfurmahom li bi zvista kien halla xi art barra minn dik li tinhadem mis-sur Gauci. Dan jinsab konfermat ukoll mix-xhieda tal-istess perit tal-attur, il-perit Ludovico Micallef li jghid ukoll li baghat ittra ohra lid-Dipartiment fit-8 ta' Frar, 2010, fejn l-estent t'art mahduma mill-attur kienet ta' 13,470 metru kwadru, kif indikata fuq is-siteplan hemm annessa. Izda l-perit jsostni li l-ittra tas-sena 2007 saret minnu wara li d-Dipartiment gibed l-attenzjoni li l-perit kien halla xi art barra mill-applikazzjoni! Dan ma jinsabx korroborat mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment. Anzi Martin Bajjada jispjega li ghalkemm id-Dipartiment ma setax jilqa' talbiet addizzjonali wara t-28 ta' Frar, 2001, (data tal-gheluq tal-iskema), pero l-istess ittra ddahlet fil-file relattiv, izda ma nghatatx konsiderazzjoni taghha mid-Dipartiment. Id-differenza rigward l-estent tal-art milquta b'din id-dikjarazzjoni tas-sena 2007 hija delinjata bl-isfar fuq il-pjanta ortofoto Dok. JA1 (esebita a fol. 84 tal-process) u immarkata bl-ittra "E", liema art

tirrizulta li hija xaghri u ghalhekk fi kwalunkwe kaz ma kenitx eligibbli ghall-qbiela taht l-iskema mahruga mill-Gvern u ghalhekk isegwi li din l-ahhar talba tal-atturi ma setghet qatt tintlaqa' ai termini tas-sejha maghmula permezz l-imsemmija skema.

Ir-rapprezentant tal-Dipartiment konvenut ikompli jispjega illi l-istess dokumenti mehtiega kienu sottomessi minn Joseph Galea mal-applikazzjoni tieghu (li ggib referenza numru 7413, esebita a fol. 397 et seq. tal-process), bid-differenza illi f'dan l-ahhar kaz, kellhom korrispondenza li kienet tmur lura ghal Dicembru tas-sena 1996 (esebita a fol, 390 tal-process), meta l-istess Galea kien kiteb lill-Kurja sabiex jghidilhom li huwa nteressat f'din l-art. Il-Kurja nfurmatu li l-art kienet saret tal-Gvern u kien hawn li Joseph Galea beda jikkomunika mad-Dipartiment. Inoltre fid-decizjoni mehuda mid-Dipartiment kienet meqjusa rilevanti li fl-istess applikazzjoni ta' Joseph Galea, gie ddikjarat fl-affidavit (esebit a fol. 402 tal-process), li huwa kien ilu jahdem l-ghalqa ghal sitt snin. L-applikazzjoni ta' Joseph Galea kienet ghall-art tal-kejl ta' 2290 metru kwadru, li kienet tinkludi 357 metru kwadru xaghri (hekk kif indikata fuq il-pjanta a fol. 399 tal-process). Din l-art hija ekwivalenti ghall-porzjon art immarkata bl-ittra ”B” fuq il-pjanta ortofoto.

Ix-xhud Martin Bajjada spjega li huwa pprepara l-pjanta tal-art kollha in kwistjoni u fuqha indika l-interessi tad-diversi partijiet fuq l-istess pjanta ortofoto (Dok. JA1 esebita a fol. 84 tal-process), waqt li gie esebit ukoll ir-rapport tekniku tieghu datat 5 ta' Mejju, 2009 (esebit a fol. 408 u 409 tal-proceess). Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha wasslu lid-Direttur Generali tad-Dipartiment sabiex jiehu d-decizjoni tieghu hekk kif komunikata lill-partijiet fit-3 ta' Gunju, 2009 (esebita a fol. 12 tal-process), fejn kien propost li l-arja indikata bl-ittra ”A” (delinjata bil-blu salv dik l-art li tisporgi fuq il-porzjon ”B”) tigi allokata lil Laurence Gauci; l-arja indikata bhala porzjon ”B”, delinjata bl-ahmar tinghata lil Joseph Galea; filwaqt li fir-rigward tal-porzjonijiet ”D” u ”E”, id-Dipartiment ippropona li jigi applikat l-artikolu 3(1)(a) tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta u li ssir sejha ghall-offerti imxandra fil-Gazzetta. L-atturi oggezzjonaw ghal din l-ittra u sussegwentement id-Dipartiment permezz ta' ittra datata 18 ta' Mejju, 2010 (esebita a fol. 7 tal-process), infurmahom li wara l-ittra tat-3 ta' Gunju, 2009, filwaqt li gie kkonfermat il-kontenut taghha, id-Dipartiment kien ser johrog sejha ghall-offerti skond l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268 tal-Ligijiet

ta' Malta) ghal dik l-art okkupata minnhom minghajr titolu, li wasslet ghall-proceduri odjerni.

Id-Dipartiment esebixxa wkoll il-kuntratt ta' kera li sar mid-Dipartiment ma' Joseph Galea fit-18 ta' Gunju, 2010 (Dok. MB3 a fol. 383 tal-process), filwaqt li min-naha tieghu l-kjamat in kawza Joseph Galea jessebixxi l-ircevuti tal-hlas tal-qbiela, li jkopru l-perjodu 16/8/2000 sa 15/6/2010 (esebiti a fol. 436 u 437 tal-process). Mix-xhieda ta' Joseph Galea jirrizulta li huwa fl-inhawi ghandu kamra li kera minghand il-Gvern fil-bidu tas-snin disghin, wara li rebah tender, ghandu wkoll zewg tomniet art maghha li huwa akkwista minghand il-privat (kuntratt esebit a fol. 651 et seq. tal-process) u kien hawn li rregistra bhala part-time farmer. Huwa jghid li ghamel sentejn joqghod f'din il-kamra fil-Wardija bejn is-sena 1998 u s-sena 2000, f'liema zmien qatt ma ra l-attur hemm jahdem din ir-raba'. Faccata kien hemm bicca art mitluqa u wara li kellem lix-xebbiet, ahwa Micallef li fiz-zmien kienu jahdmuha, beda jipprova jistharreg min kien is-sid, peress li spiss kien inaddaf fiha u jirranga wara li kienu jmorru n-nies fiha u jhallu herba warajhom u xtaq idawwarha b'hitan, jiehu hsiebha u jahdimha. Galea jghid li meta kellem lill-ahwa Micallef qatt ma semmewlu li l-attur kellu xi interess fl-istess art. Huwa jishaq li dak iz-zmien l-attur kien jarah ghaddej peress li kellu xi raba' fil-vicin, izda zgur ma kienx jidhol jahdem din l-ghalqa ta' madwar zewg tomniet u li kien biss wara li dahhal l-applikazzjoni ghall-iskema tal-Gvern fl-2001 li Laurence Gauci dahal ghal din l-art "b'ruhu u gismu". Galea jghid ukoll li wara li saru l-applikazzjonijiet, Martin Bajada min-naha tad-Dipartiment sejjhilhom ghal laqgha ta' rikonciljazzjoni, izda l-attur baqa' jinsisti li kellu jinghata l-ghelieqi kollha li applika ghalihom. Jghid ukoll li llum il-gurnata l-ghalqa in kwistjoni, frott il-pika, tinsab fil-parti l-kbira, mitluqa (kif jixhed ir-ritratt esebit bhala Dok. JG11 a fol. 666 tal-process).

L-attur rega' xehed fis-seduta tas-7 ta' April, 2014, fejn esebixxa numru ta' dokumenti fosthom applikazzjoni sabiex huwa jircievi sussiddju fuq il-prodotti tar-raba', li tindika n-numru li bihom jigu identifikati l-ghelieqi, kif ukoll listi ta' sigar li ghandu fl-ghelieqi tieghu, fosthom dawk f'San Pawl il-Bahar, li gew registrati kif titlob il-ligi. Huwa jistqarr ukoll li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dik il-parti tal-art indikata bl-ahmar fuq id-dokument esebit minnu a fol. 490 tal-process, li din l-art giet mqabbla lilu mill-Gvern, madwar sentejn qabel. Meta l-Qorti kkumparat dak indikat mill-attur

mqabbel lilu mill-Gvern f'din ix-xhieda, mal-pjanta ortofoto a fol. 84 tal-process, jirrizulta car li l-art li l-attur jindika bhala art imqabbla lilu hija dik delinjata bil-blu indikata bhala porzjon bl-ittra "A" fuq dik il-pjanta ortofoto. L-attur jesebixxi numru ta' dokumenti li bihom irid isostni li l-prodotti mibjugha minnu lill-Ko-operativi, ghandhom l-origini taghhom f'dawn l-ghelieqi fil-Wardija. Jesebixxi wkoll numru ta' ritratti ta' sigar taz-zebbug li huwa kellu mizrugha u li xi vandali qacctulu jew qalghuhomlu. Jigi nnutat mill-Qorti li l-istess certifikati mahruga mill-Agenzija tal-Pagamenti fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura fuq l-art in kwistjoni jindikaw b'mod car li dawk id-dokumenti huma bbazati fuq dikjarazzjoni u ma jaghtu ebda dritt legali fuq il-proprjeta (esebiti a fol. 523 u 524 tal-process).

Mill-kontro-ezami ta' Dolores Micallef irrizulta li l-ahwa Micallef kellhom l-ghelieqi moghtija lilhom bi qbiela minghand Salvinu Ellul Bonici u dan kienu hekk mqabbla lil ommhom. L-ghelieqi kienu jinhadmu l-ewwel mill-omm u wara mix-xebbiet, izda wara r-raba' spicca mitluq, peress li huma ma baqghux jahdmu l-art u lanqas ma krewha lil hadd. Meta talabhom l-attur huma qalulu li ghalihom seta' jahdimha. Rrizulta wkoll li c-cens fuq ir-razzett fejn jghixu u l-qbiela tal-ghalqa vicin ir-razzett kienu pagabbli ghall-ewwel lill-istess Ellul Bonici, wara lill-Knisja u sussegwentement lill-Ufficcju Kongunt. L-ircevuti relativi (esebiti a fol. 49 et seq. tal-process) huma kollha relatati mar-razzett u madwar tomna raba' li tifforma parti mir-razzett, kif jirrizulta mill-istess ircevuti, li zammew ghalihom l-ahwa Micallef u sussegwentement xtraw ic-cens minghand l-Ufficcju Kongunt. Fuq l-ghelieqi f'Tal-Blat l-ahwa Micallef ma kenux ihallsu qbiela izda kienu jaghtu nofs il-prodott li kien ikollhom lil Ellul Bonici. Kif tixhed l-istess xhud, ir-razzett u l-ghalqa tal-madwar, ma ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-ghelieqi f'Tal-Blat li beda jahdem Laurence Gauci u ghaldaqstant l-ircevuti esebiti fl-atti, mhumiex meqjusa rilevanti ghall-kaz in ezami.

Interessanti wkoll hija x-xhieda in kontro-ezami tal-perit Ludovico Micallef li fiha jerga jtenni li huwa pprepara l-pjanta fl-2001 ghal arja ta' 5760 metru kwadru u meta bghatu ghalihom id-Dipartiment u qalulhom li thalliet bicca barra, hareg l-ittra tas-sena 2007, bil-pjanta annessa li tindika arja ta' 13,470 metru kwadru . Mistoqsi min fid-Dipartiment gibidlu l-attenzjoni, jghid li ircieva xi ittra, izda wara jghid li probabilment kien id-Dipartiment tal-Agrikoltura li gibidlu l-attenzjoni. Fl-ewwel pjanta

rrizultalu zball fl-iskali, li jwassal li b'hekk il-kejl kellu jirdoppja, li jfisser li anke l-art xaghri precedentement indikata fil-kejl ta' 900 metru kwadru kellha tirdoppja ghal madwar 1800 metru kwadru, izda jispjega wkoll li kellhom jizdiedu madwar 2000 metru kwadru li kienu thallew barra! Huwa jishaq li ma kienx il-perit tal-attur ghall-fini tal-permess ghad-depozitu tal-hamrija fl-ghelieqi u li ma kienx jista' jghid fejn intefghet il-hamrija. Jinghad mill-perit li l-ezercizzju tieghu kien li jipprepara l-pjanti tal-ghelieqi indikati lilu mill-attur, jindika l-art fejn tkun xaghri u sigar li kien hemm. Ghalkemm ir-raba' kienet tidher mahduma, huwa ma setghax jghid min effettivament kien jahdem l-art. Hekk ukoll ghalkemm kien mar fuq is-sit fis-snin disghin, ma setax jikkonferma jekk l-art in kontestazzjoni kenitx tinhadem mill-attur jew minn haddiehor.

Minn ezami tal-pjanti jirrizulta li filwaqt li fil-pjanta originali annessa mal-applikazzjoni tal-attur tal-2001 (esebita a fol. 376 tal-process) tindika l-qies ta' 5760 metru kwadru, u turi delinjament tal-arja tal-ghelieqi ekwivalenti ghal dawk immarkati bhala "A" u "B" fuq il-pjanta ortofoto, il-pjanta li dahlet mal-ittra tal-2007 tindika qies ta' 13,470 metru kwadru u turi delinjament tal-arja tal-ghelieqi ekwivalenti ghal dawk immarkati bhala "A", "B", "D" u "E" fuq il-pjanta ortofoto, Meta tqis ix-xhieda kollha, l-Qorti ma thossx li x-xhieda moghtija mill-perit bhala wahda affidabbli, specjalment f'dak li ghandu x'jaqsam mal-2000 metru kwadru li allegatament thallew barra bi zball mill-applikazzjoni originali tal-attur, meta *ex admissis* il-perit jghid li kien il-klijent tieghu, l-istess Laurence Gauci li kien indikalu l-estent tal-art li allegatament kienet mahduma jew mizmuma minnu.

Trattati l-fatti rizultanti mill-provi jmiss li jigu mistharrga l-punti legali li tqajjmu fil-proceduri odjerni.

**Legittimu kontradittur**

Gie eccepit illi l-konvenut Direttur Generali fit-Taqsima Proprjeta tal-Gvern mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Mill-provi rrizulta li l-art in kwistjoni tifforma parti mill-art mghoddija lill-Gvern mis-Santa Sede, bil-ftehim tas-sena 1991, u ghalhekk kienet amministrata mill-Ufficcju Kongunt, izda fl-ahhar mill-ahhar il-ftehim tal-qbiela

isir mal-Kummissarju tal-Art. Dawn iz-zewg entitajiet tal-Gvern jaqghu taht id-Dipartiment konvenut, tant li z-zewg ittri li ntbaghtu lill-attur Laurence Gauci, fejn giet komunikata d-decizjoni tal-Gvern dwar l-applikazzjoni tal-attur nhargu mid-Dipartiment Proprjeta tal-Gvern.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni ma tirrizultax misthoqqa u mhux ser tintlaqa'.

**Interess guridiku**

L-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Galea kienet li l-attur jrid jaghti prova tal-interess guridiku tieghu sabiex jipproponi l-kawza mressqa minnu. Ghandu jinghad li rigward l-interess guridiku tal-attur fil-mument li pprezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "*biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz*" (**Beatrice Manche noe vs Maria Montebello** - Appell Civili deciz fit-13 ta' Frar 1953), "*b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi*" (**Giuseppe Camilleri et vs Giuseppe Sammut et** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**Michelangelo Bond vs Carmelo Mangion et** - Appell Civili deciz fis-27 ta' Mejju 1991; u **Albert Calleja vs Orazio Micallef** Appell Civili deciz fl-1 ta' April 1992). Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, jew tal-utilita guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Veronica Farrugia et vs Mary Buhagiar** - Appell Civili deciz fit- 2 ta' April 1993 u **Joseph Attard et vs Paul Baldacchino** - Appell Civili deciz fil-5 ta' Ottubru 2001.

Maghmula l-konsiderazzjonijiet li jissemmew hawn fuq, certament jirrizulta l-interess guridiku tal-atturi u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, lanqas din l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza ma timmerita li tintlaqa'.

**Mertu**

Mhux kontestat li ghalkemm l-azzjoni attrici originarjament kienet titratta zewg porzjonijiet ta' art, wahda akbar mill-ohra, hekk kif murija fuq il-pjanta annessa mar-

rikors promotur a fol. 5 tal-process, l-ghalqa z-zghira kienet tifforma parti mill-applikazzjoni separata tal-atturi lid-Dipartiment konvenut taht l-iskema sabiex tinghata art agrikola bi qbiela, li dwarha ma rrrizultawx problemi u ghalhekk il-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-ghalqa kbira hekk kif indikata ahjar fuq il-pjanta ortofoto a fol. 84 tal-process. Kif rilevat qabel, l-istess attur jikkoncedi li l-porzjon ”A” giet koncessa lilu b’titolu ta’ qbiela u ghalhekk lanqas din il-porzjon m’ghadha tifforma parti mill-kontensjoni bejn il-partijiet. B’hekk jirrizulta li l-pretensjonijiet pendenti tar-rikorrenti huma dawk relativi ghall-porzjonijiet indikati bhala ”B”, ”D” u ”E” fuq l-istess pjanta ortofoto.

Jigi rilevat li t-trasferiment ta’ proprjeta tal-Gvern hija soggetta ghal dak li jipprovdi l-Kap. 268 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigifieri li tali art ma tistax tigi trasferita jekk mhux permezz ta’ hrug ta’ sejha ghall-offerti, permezz ta’ risoluzzjoni tal-Parlament, jew skond kif esplicitament permess mil-Ligi. F’dan il-kaz kien hemm skema li harget appozitament bl-iskop li tinghata art agrikola bi qbiela lil dawk in-nies li ghalkemm seta’ ma kellhomx titolu validu fuq l-art kienu fost kondizzjonijiet ohra, ilhom jahdmu l-art okkupata minnhom ghal mill-inqas perjodu ta’ sentejn. B’hekk il-mera okkupazzjoni mill-atturi fuq art li mhix taghhom, fil-mument tal-applikazzjoni, ma twassalx ghad-dritt ta’ rikonoxximent u konsegwentement it-trasferiment a bazi tat-titolu ta’ qbiela, kif qeghdin jippretendu l-atturi. Inoltre rrizulta li din l-iskema ma kenitx tghodd ghax-xaghri sakemm dan ix-xaghri ma kienx jikkonsisti f’bicciet xaghri mdawwra bl-ghelieqi u sakemm ix-xaghri ma kienx jaqbez 30 % tal-art kollha (ara kundizzjonijiet tal-Iskema esebiti bhala Dok. MB1 a fol. 355 et seq. tal-process).

Ghandu jinghad li gew osservati numru ta’ dispkrepanzi fil-versjonijiet moghtija da parti tal-attur rigward l-art li jippretendi li jiddetjeni in buona fede: Fl-affidavit moghti quddiem in-Nutar Nicolette Vella fit-22 ta’ Frar 2001, jinghad minnu li r-raba’ kien jinhadem mill-ahwa Micallef u huwa kien harat u naddaf l-art peress li dawn ma kenux ghadhom jahdmuha u ”**jien intiz illi, bil-kunsens taghhom li nkabbar haxix fiha”** (fol. 380 tal-process); filwaqt li f’dikjarazzjoni ohra quddiem l-istess Nutar, annessa mal-istess applikazzjoni tieghu jinghad li ilu aktar minn sentejn jghin fix-xoghol tar-raba’ lill-ahwa Micallef (fol. 381 tal-process). Interessanti li mistoqsija maghmula lilu fuq l-applikazzjoni enumerata 3.6 ”Kemm il-sena ilek tahdem dan ir-

raba?", huwa wiegeb xahar! (fol. 375 tal-process) Sussegwentement fid-dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Nicolette Vella datata 15 ta' Gunju, 2001 (fol. 132 tal-process), kif ukoll fl-affidavit tal-istess attur, jinghad li l-art f'Tal-Blat kienet tinhadem mill-ahwa Micallef li kienu ilhom jahdmuha ghal madwar sittin sena u li ghall-ahhar hmistax-il sena, l-attur kien jghinhom fix-xoghol fir-raba' in kwistjoni. Dan jinsab kontradett minn Dolores Micallef, li in kontro-ezami xehdet li l-eghlieqi f'Tal Blat **kienu ilhom mitluqa minnhom ghal zmien twil u m'oggezzjonawx ghat-talba tal-attur li jahdem l-istess raba' (mhux li kienu jahdmuha flimkien).** Konfrontat b'din id-diskrepanza fix-xhieda, l-attur ma setax jispegaha hlief li qal li ma kienx ser jaqbad u jidhol fl-ghalqa minghajr il-permess tal-ahwa Micallef u li l-ghalqa ma kenitx kollha sdingata u talli kien jghinhom l-ahwa Micallef offrewielu! Dan jikkuntrasta max-xhieda ta' Micallef fejn jinghad li l-attur kien jistaqsihom kif l-art thalliet mitluqa, u li kien jghinhom fl-ghalqa ta' madwar ir-razzett mentri fir-rigward tal-ghelieqi f'Tal-Blat jinghad minnha: **"Konna tlaqnieha mbaghad fejn sejrin nghinnuh b'kelma ghinnieh**" (fol. 549 tal-process) - Fil-fehma tal-Qorti din il-frazi titfa' hafna dawl fuq l-avvenimenti li sehhew fuq l-art in kwistjoni.

In tema legali dwar kunflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2004, inghad:

"*jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et**, App Inf 22/11/2002). *Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni."*

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** hekk kif konfermata mill-Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Gunju, 2006, kien precizat:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."*

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Carmelo Saydon vs Anthony Bonavia**, deciza fl-4 ta' Ottubru 2010:

*"Tibqa' esigenza tad-dritt probatorju li tqieghed a karigu ta' min jallega fatt illi jgib 'il quddiem prova demonstrattiva tieghu ghall-konvinciment tal-gudikant*."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, kunsidrat il-versjonijiet kunfliggenti moghtija mill-attur u mill-ahwa Micallef, kif ukoll il-fatt illi huwa kellu ghelieqi ohra fl-inhawi ma ssib xejn determinanti fix-xhieda moghtija minn Victor Gauci u Adam Mark Deguara li jixhdu li ilhom jafu lill-attur jahdem ir-raba' msejha "tal-Blat", filwaqt li rrizulta car li l-ahwa Micallef xtaqu jghinu lill-attur aktar milli affarijiet ohra. Kunsidrat ukoll kif wara l-applikazzjoni originali tal-attur li saret fl-2001, zdied il-kejl tal-art mahdum mill-attur b'mod sinifikattiv tant li gie rivedut minn 5760 metru kwadru ghal 13,470 metru kwadru, li gew spjegati bhala zball li ttiehed mill-perit a bazi tal-iskala tal-pjanta kif ukoll madwar 2000 metru kwadru li l-perit tieghu fl-ittra tal-2007, jinghad li thallew barra bi zball, din il-Qorti ssibha difficli li taccetta li l-attur seta' ha dan it-tip ta' zball jew li l-attur kien qieghed jahdem l-art in buona fede.

Dan meta wiehed iqis ukoll li l-attur akkwista l-permess mid-Dipartiment tal-Agrikoltura f'April, 2001, (madwar xahrejn wara li applika mad-Dipartiment konvenut sabiex jinghata titolu ta' qbiela) u l-permess mill-MEPA f'April 2005, sabiex isir id-depozitu tal-hamrija fuq il-hamrija li kien hemm fuq il-porzjonijiet "A", "B" u "D", skond il-pjanta annessa mal-permess (esebita a fol.103 tal-process). Il-Qorti tiehu l-impressjoni li l-attur, bil-hsieb li johloq jedd li deherlu li jinghata lil min ikollu l-art f'idejh, ghall-habta tas-sena 2001, qabad u dahal fl-art indikata bhala porzjon "B" u "D" u sitt snin wara l-applikazzjoni originali tieghu, pprova jakkwista wkoll dik il-porzjon indikata bhala "E" minkejja li din kienet tikkonsisti purament f'xaghri li ma setghet qatt taqa' fl-iskema mahruga mill-Gvern.

Madankollu l-jedd fuq l-art ma jinholoqx minn tali ghemil u l-Qorti a bazi tal-provi mressqa quddiema mill-istess atturi, ma tinsabx konvinta li huma kienu qeghdin jiddetjenu dawn il-porzjonijiet "B", "D" u "E" in buona fede jew li l-agir taghhom ghandu jwassal li jaghtihom xi dritt awtomatiku li jkunu rikonoxxuti mid-Dipartimenti konvenuti fit-titolu tal-qbiela taghhom skond l-Iskema ghal Art Agrikola (Applikazzjoni Nru. 4871) ghal liema huma resqu l-applikazzjoni taghhom. Dana dejjem minghajr

pregudizzju ghad-dritt tad-Dipartiment li jiddisponi mill-imsemmija art kif jipprovdi l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur Generali tal-Artijiet, u tichad ukoll l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamat in kawza Joseph Galea, qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom fil-mertu u tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur